**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 61/2012**

**Francis Cachia Caruana (K.I. 278471M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' en nome kollettiv Bravo, Jospehine mart Antoine Cachia Caruana, Yvonna Sant Cassia, Antoine Cachia Caruana, Anne Louise Ellul Cachia Caruana mart l-Avukat Dr. Tonio Ellul, Richard Cachia Caruana, Dr. Mario Felice (K.I. 426458M) bhala Ezekutur Testamentarju ta' Anthony Victor Sant Cassia, Alfred Manduca (K.I. 502658M), Joseph Manduca (K.I. 757259M) u l-istess Francis Cachia Caruana qed jidher ghan-nom tal-assenti Susan mart Calum Meadows u ta' Anne mart James Hynds u ta' Stephen Sant Cassia, Edward Cachia Caruana u martu Silvana, Beaumont Estates Limited, Anthony Cardona (K.I. 406952M), Christef Company Limited u**

**Cardona Holdings Limited, l-Avukat Dr. Peter Caruana Galizia (K.I. 30056M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Alfred Zawadzki, SOC&K Company Limited, Ruggier Holdings Limited u Ruggier Investments Limited, Tumas Group Limited gia Fenech Group Limited**

**vs**

**Ludgardo sive Riccardo Fiteni (K.I. 596152M)**

**Illum 14 ta' Jannar, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk;

> Illi huma kienu jikru l-fond numru 2, 3 u 4 Misrah ir-Repubblika, Tarxien lil Carmelo Fiteni versu l-kera ta' €12.81 fis-sena li jithallas kull 25 ta' Novembru bil-quddiem.
>
> Illi l-kera baqghet tithallas sas-sena 2010 fejn *ope legis* giet awmentata ghal €185 fis-sena izda sussegwentement l-esponenti saru jafu li attwalment l-imsemmi Carmelo Fiteni kien ilu li miet mis-17 ta' Settembru 1999 u saru jafu ulterjorment illi fil-fatt l-imsemmi Carmelo Fiteni ma kienx qed jirrisjedi fil-fond in kwistjoni izda kien qed jirrisjedi fil-fond 'Annunziata', Triq id-Dejma, Tarxien.

Illi sussegwentement l-intimat ippretenda illi huwa ghandu dritt ghall-inkwilinat liema pretenzjoni qieghda tigi kontestata mill-esponenti.

Ghaldastant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimat ma ssuccediex fil-kirja li kien hemm favur id-defunt Carmelo Fiteni u konsegwentement m'ghandu ebda titolu validu fil-ligi li jibqa' in okkupazzjoni tal-fond inkwistjoni u tordna li jigi hekk zgumbrat fi zmien qasir u perentorju li hekk jigi lilu prefiss.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk;

1. Preliminarjament, in-nullita tar-rikors promotur stante li ma tezisti ebda socjeta' li jisimha 'Tumas Group Limited';

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess:

   i. Illi Dottor Mario Felice irid jipprova li hu gie konfermat fl-ezekutorija tal-eredita tal-mejjet Anthony Victor Sant Cassia;
   ii. Illi Francis Cachia Caruana irid jipprova l-mandat li ghandu m inghand Susan mart Calum Meadows, Anne mart James Hyndes u Stephen Sant Cassia;
   iii. Illi l-Avukat Peter Caruana Galizia irid jipprova l-mandat li ghandu minghand Alfred Zawadzki;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan il-Bord stante li l-azzjoni tar-rikorrenti hi msejjsa fuq il-karenza ta’ titolu tal-esponenti;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi r-rikorrenti ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom fir-rigward tal-fond *de quo;*

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa’ ghaliex huma accettaw il-kera minghand l-esponenti u b’hekk irrikonoxxewh bhala inkwilin u aktar u aktar meta wiehed iqis li wara l-mewt ta’ missier l-esponenti l-kera giet awmentata u l-awment gie accettat;

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat fis-smiegh.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tal-05 t'Ottubru 2015, f'liema seduta l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-kompetenza o meno tal-Qorti hija determinata mit-tip ta' kawza li jipproponi l-attur u mill-premessi u talbiet li jiffurmaw il-parametri ta' tali kawza;

Illi fil-kaz odjern it-talbiet attrici huma li “dan il-Bord jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimat ma ssuccediex fil-kirja li kien hemm favur id-defunt Carmelo Fiteni u konsegwentement m’ghandu ebda titolu validu fil-ligi li jibqa’ in okkupazzjoni tal-fond inkwistjoni u tordna li jigi hekk zgumbrat fi zmien qasir u perentorju li hekk jigi lilu prefiss”;

Illi l-kwistjoni dwar jekk l-intimat ghandux titolu validu jew le ma taqax taht il-kompetenza ta' dan il-Bord izda taqa' taht il-kompetenza tal-Qrati Civili u dan kif gie deciz f'okkazjonijiet diversi mill-Qrati taghna;

Ghaldaqstant, il-Bord qieghed jilqa' din l-eccezzjoni tal-intimat, u jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez a karigu taghhom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur